MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru 146/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**Mandy Polidano ta’ 22 sena, bint Michael u Maria Dolores nee Vella, mwielda Pieta fid-19 ta’ Frar 1988, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 100888M u residenti gewwa 1, Blue Rose, Triq il-Kanonku Vincenz Balzan, Zurrieq**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata u cioe talli:

1. Fiz-Zurrieq nhar l-20 ta’ Frar 2010, ghal habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar (16:00), gewwa l-fond numru 15 Triq it-Tjieba, dolozament bil-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Antoine Borg f’periklu car, wriet dan il-hsieb

b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi taghtu daqqa ta’ sikkina, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha:

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Antoine Borg;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellha fuq il-persuna taghha xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-ogetti fil-waqt li kienet qed taghmel reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta’ serq jew hsara fil-propjeta (minbarra hsara involontarja fil-propjeta).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta’ Gunju, 2011;

Semghet lill-imputata tammentti ghall-imputazzjonijiet indikati fin-nota ta’ ta’ rinviju tal-Avukat Generali liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghat zmien xieraq lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzai migjuba fil-konfront taghha, izda l-Qorti ser issib htija taht l-artikolu 216 u mhux 218 billi l-parte leza fieq kompletamnet mill-griehi sofferti minnu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputata izda fuq kollox illi dan kien incident uniku bejn din il-koppja zaghzugha fejn huma gharfu jissuperaw l-problemi ta’ bejniethom u llum izzewgu u ghandhom

familja u ghalhekk piena karcerarja certament ma tkunx idoneja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 55 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundanna lill-imputata ghall-tmintax (18) il-xahar prigunerija liema perjodu ta’ priguneri qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum u tordna l-konfiska tas-sikkina esebita bhala Dok DZ1.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputata sabiex thallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ €373.29 u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------